**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04/2020

**Il-Ħamis 26 ta' Marzu, 2020**

Abbażi ta' Ċirkulari 3/2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Pembroke ma iltaqax fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, iżda l-membri għamlu użu mit-Teknoloġija tal-Informatika biex il-laqgħa saret virtwalment fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 04.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji.

04.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li kulħadd kien preżenti.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/2020.

04.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K8/2020 kif ippreżentati.

04.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1024/20/I** Email mingħand il-Perit Saliba fejn talba konferma mingħand il-Kunsill fejn ser jiġi eżatt il-Bus Shelter ta’ Triq il-Profs. Walter Ganado quddiem blokk 5, u dan kif diġà kien ġie approvat u rikonfermat mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti.

04.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1024/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-pjanta sottomessa abbażi tad-deċiżjonijiet li diġa kien ħa l-Kunsill fuq bażi unanima.

04.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.3.3 Id-deċiżjoni għaddiet għall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Charles Cesare, il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab u l-Kunsillier Désirée Vella Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Raymond Lanzon astjena.

04.3.4 Il-mozzjoni għaddiet.

## 04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

04.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 04.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta’ xogħlijiet.

04.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 07/2020** - Kwotazzjonijiet għall-maratona u festival tal-futbol **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 08/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K8/20 u 04/K8/20 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 09/2020** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 03/K8/20 u 04/K8/20 **(Dok. 3)**

04.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 08/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

04.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.5.5 Minħabba ċ-ċirkostanzi ta' kif qed issir il-laqgħa, is-Sindku Dean Hili ippropona li items 6, 7, 8 u 9 jitħallew għal-laqgħa oħra.

04.5.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.10 Tender 08/2016 (estensjoni).

04.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għat-tender tal-Contracts Manager li għandha tagħlaq nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020, fejn ippropona li t-tender attwali referenza 08/2016 għandu jiġġedded sakemm jintemm il-proċess tal-għażla tat-tender il-ġdid.

04.10.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

04.11.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 4, 5, 6, 7 u 8)**

04.11.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

04.11.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.12 Mozzjonijiet.

04.12.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għal-item li kien imiss.

## 04.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-17:50pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 30 ta' April 2020 fis-2:00pm.

Konfermati, illum 30 ta' April, 2020

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Doki

**Internal Memo Referenza 07/2020** **25 ta' Frar 2020**

# Kwotazzjonijiet għall-maratona u festival tal-futbol

Inġabru kwotazzjonijiet għall-provvista ta' tabib, first aid, mobile toilets u midalji.

| Kumpanija | Servizz | Prezz |
|---|---|---|
| **Zack Mobile Toilets** (46/0534/20/I) | **Mobile toilets** | 6 mobile toilets - €90.00 |
| **General Cleaners** (46/*****/20/I) | **Mobile toilets** | 6 mobile toilets - €106.20 |
| **Marindex Ltd.** (46/0632/20/I) | **Midalji u trophies** | Midalji 50mm - €1.41<br>Sett 3 trophies - €53.10 |
| **Sports Experience** (46/****/20/I) | **Midalji u trophies** | Midalji 50mm - €1.10<br>Sett 3 trophies - €23.00 - €45.00 |
| **Global Security Malta** (46/0621/20/I) | **Ambulanza u paramedic** | €41.30/hr<br>Extra paramediċi €14.16/hr |

L-irħas offerti huma ta' **Neriku Caterers** għall-ikel, għall-ħelu u **Events Malta** għall-entertainment.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 08/2020** **26 ta' Marzu 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K8/20 u 04/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 29 | 2020 | J&K Contractors | Isir ix-xogħol neċessarju biex ikun jista' jiġi installat bus shelter fi Triq G. Henin, liema xogħol jinkludi tneħħija tal-platform l-antika li hemm, tħammil sal-livelli neċessarja u terġa issir platfrom skond id-disinn anness. |
| 30 | 2020 | Maltapost plc | Tqassam bieb bieb flyer tal-Kunsill Lokali Pembroke. (Attivita ' ta' Ħamis ix-Xirka) |
| 31 | 2020 | Global Health Services | Tiprovdilna servizz ta' ambulanza ikluż paramediku għall-prezz ta' €35.00 kull siegħa eskluż il-Vat, u servizz ta' paramediku extra għall-prezz ta' €12.00 kull siegħa eskluż il-Vat. |
| 32 | 2020 | Nazzareno Scicluna | Tiprovdilna servizz ta' 6 mobile toilets għall-prezz ta' €90.00 inkluż il-vat |
| 33 | 2020 | Dr. Samuel Aquilina | Sabiex nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu 2020, bejn 07:30 u 11:30, tiprovdilna servizz ta' tabib għall-prezz ta' €100.00 inkluż il-vat |
| 34 | 2020 | Mica Med | Lampa L094 li tinsab fil-passaġġ off Triq Tobruk |
| 35 | 2020 | Mica Med | Lampa li tinsab fuq arblu ma' Dar 42 fi Triq Don Luigi Rigord |
| 36 | 2020 | DOI | Adv Gazzetta tal-Gvern re Pembroke races |
| 37 | 2020 | Paramount Coaches | Servizz ta' coach għal nhar il-Ħamis 9 ta' April 2020. Tluq minn ħdejn il-Kunsill fis-6.30pm u lura għal Pembroke xi 10.00pm |
| 38 | 2020 | Mica Med | • tinbidel il-lampa li hemm fil-kantuniera ma' Blokk 3 fi Triq Bice Mizzi Vassallo, in-naħa ta' Triq Suffolk<br>• tinbidel lampa W137 fil-passaġġ bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich ma' Blk D. |
| 39 | 2020 | Green Turtle | • 8 in number 500 ml hand sanitizer @ €15.00 each<br>• 8 in number KN95 protective masks @ €5.99 each<br>• 25 in number surgical masks @ €1.99 each |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 40 | 2020 | Hand Sanitizer Malta | PACKAGE 1 (10 x face masks and 3 x hand sanitizers 500ml) |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Désirée Vella Brincat, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok3

**Internal Memo Referenza 09/2020** **26 ta' Marzu 2020**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 03/K8/20 u 04/K8/20

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 27/02/20 | Laqgħa tal-Kunsill 03/K8/2020 | Pembroke | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Charles Cesare<br>Raymond Lanzon<br>Kevin Borg |
| 03/03/20 | Laqgħa ma' WasteServ Malta Ltd. | Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 06/03/20 | Laqgħa mal-Avukat dwar GDPR | Pembroke | Kevin Borg |
| 06/03/20 | Laqgħa dwar esebizzjoni tal-arti mill-istudenti tal-iskola Primarja – Kulleġġ Santa Klara. | Pembroke | Dean Hili |
| 07/03/20 | Attivita' Science Safari 2020 | Pembroke | Dean Hili |
| 07/03/20 | Ftuħ uffiċjali ta' Padel Malta, f'Pembroke | Pembroke | Dean Hili |
| 09/03/20 | Site meeting dwar Triq Martin Luther King | Pembroke | Kevin Borg |
| 09/03/20 | Laqgħa mal-Kunsill skolastika ta' Skola Sports | Pembroke | Dean Hili |
| 10/03/20 | Laqgħa dwar il-Bus Shelters ta' Triq Martin Luther King | Pembroke | Kevin Borg |
| 24/03/20 | Laqgħa Reġjun Tramuntana | San Pawl | Dean Hili |
| | | | |
| | | | |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE